**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Preliminari Numru: 2962**

**Kaz Numru: 4180/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Stephan Maurice Georges Saurin**

**u**

**French Embassy to Malta**

dwar allegazzjoni ta' tkeccija ngusta mill-impjieg

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

It-Tribunal,

Illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023, ossia fl-ewwel seduta ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, giet issollevata l-eccezzjoni preliminari, u li hi wkoll inkluza fir-risposta tal-Ambaxxata ntimata, dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal jekk ghandux gurisdizzjoni li jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol.

Dan it-Tribunal ordna lill-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom dwar din l-eccezzjoni prelimanari sollevata mill-Ambaxxata ntimata.

Il-partijiet ipprezenataw in-noti rispettivi taghom u li dan it-Tribunal ikkonsidra u evalwa l-istess noti ta' sottomissjonijiet.

L-Ambaxxata ntimata fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha taghmel referenza ghall-fatt li t-Tribunal Industrijali ma ghandux kompetenza li jisma' u jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol, u dan stante l-fatt skont il-kuntratt ta' mpjieg li hemm bejn il-partijiet, huma ghandhom ikunu regolati mil-ligi ta' Malta u kull kwistjoni li tinqala' bejn l-istess partijiet relatata mall-impjieg tar-rikorrent ghandha tinstema' u tigi deciza mill-Qorti tal-Gustizzja ta' Malta. L-ewwel artikolu tal-imsemmi kuntratt jistipula: -

> "The present contract is governed by the clauses and provisions of the private employment Maltese Law, applicable in every matter to the relation of work between the employee and the employer. All litigation originated from the aforesaid relation of work, and notably in the execution of the present contract, can be brought, after exhaustion of all amicable recourse, before the Court of Justice of Malta, which is the only one qualified to judge any litigation originated from the aforesaid relation of Work[1].

[1] Temporary Employment Contract tar-rikorrent, Stephan Saurin u l-Ambaxxata Franciza ta' Malta, liema kuntratt ta' mpjieg gie iffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta' Settembru 2019, u li hu esebit bhala Dok. 'A' mar-rikors tar-rikorrent.

In oltre, fl-istess nota ta' sottomissjonjiet l-Ambaxxata ntimata ticcita diversi Tratatti u Konvenzjonjiet Internazzjonali li jaghtu l-immunita` lill-Ambaxxata ntimata f'kaz li l-impjegat ikun ta' nazzjonalita` ta' dak l-istat li jkun qieghed jimpjegah, ossia jkun il-principal tieghu. Di piu', tissottommetti l-Ambaxxata ntimata, Ambaxxata hija estensjoni tal-Istat li tkun qieghda tirraprezenta f'dak il-pajjiz, fil-kaz odjern Franza[2].

Illi fis-sottomissjonjiet tal-Ambaxxata ntimata, taghmel referenza ghall-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li jitratta l-Qrati Superjuri, u l-poteri tal-istess Qrati. In oltre, ssir referenza ghall-artikolu 99 tal-Kostituzzjoni li jitratta l-Qrati Inferjuri[3].

Illi skont l-Ambaxxata ntimata t-Tribunal Industrijali mhux Qorti Superjuri u ghalhekk ma ghandu l-ebda gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi dawn it-tip ta' kawzi. In oltre, l-Ambaxxata ntimata mhux se tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, izda limitatament ghall-Qrati Superjuri ta' Malta, ossia l-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Fin-nota taghha l-Ambaxxata ntimata taghti nterpretazzjoni stretta ghat-tifsira li hemm fil-kuntratt ta' mpjieg sopra citat, u cioe` *"before the Courts of Justice of Malta."* Illi ghalhekk, *in poche parole,* l-Ambaxxata ntimata qieghda tissottometti li dan it-Tribunal Industrijali ma ghandu l-ebda gurisdizzjoni li jisma' u li jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol odjerna.

Mill-banda l-ohra r-rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jsostni li l-argumenti mressqa mill-Ambaxxata Franciza huma argumenti mmaginarji, u dan stante l-fatt li l-istess Ambaxxata ntimata ghazlet li fil-kuntratt ta' mpjieg li tkun regolata bil-ligi Maltija. In oltre, jsostni r-rikorrent fin-nota tieghu, dawn huma tattici ta' delungar tal-proceduri u kif ukoll manifestazzjoni ta' arroganza da parti tal-Ambaxxata ntimata, u dan ghax tahseb li hija intokkabbli (*untouchable*). Il-partijiet ghazlu li jirrinunzjaw ghall-immunita` u li jkunu regolati bil-Ligi ta' Malta, jissottometti r-rikorrent.

**Konsiderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali**

L-eccezzjoni preliminari li giet sollevata mill-Ambaxxata ntimata tikkoncerna l-fatt jekk dan it-Tribunal Industrijali ghandux gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol li giet ipprezentata lil dan it-Tribunal.

Dan it-Tribunal wara li ra u evalwa z-zewg noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet jinnota li ghalkemm it-Trattati u l-Konvenzjonijiet citati mill-Ambaxxata ntimata jaghmlu referenza ghall-immunita` u kif ukoll ghal dak li tistipula l-Kostituzzjoni ta' Malta, dan it-Tribunal iqis li l-partijiet qablu bejniethom li fil-kuntratt ta' mpjieg li gie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2019, huma ghazlu li jkunu regolati bil-Ligi ta' Malta. Ghalhekk huma regolati bil-principju sagrosant tal-*pacta sunt servanda*. In oltre, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car bizzejjed li f'artikolu 75 (1) jaghti definizzjoni cara ta' dak li jikkoncerna l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Artikolu 75 (1) jistipula: -

---

[2] L-Ambaxxata Franciza taghmel referenza ghal *Vienna Convention on Diplomatic Relations 1961 (Done at Vienna on 18 April 1961. Entered into force on 24 April 1964)* u kif ukoll ghal *European Convention on State Immunity (Basle 16th May 1972), United Nations Convention on Jurisdictional Immunities of States and Their Property (2004).*
[3] Kostituzzjoni ta' Malta artikolu: - *95. (1) Għandu jkun hemm f'Malta u għal Malta dawk il-Qrati Superjuri li jkollhom dawk is-setgħat u ġurisdizzjoni kif ikun provdut b'xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta*; u artikolu: - 99. *Għandu jkun hemm f'Malta u għal Malta dawk il-qrati inferjuri li jkollhom dawk is-setgħat u ġurisdizzjoni kif jista' jkunprovdut b'xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta.*

> (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -
>
> (*a*) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
>
> (*b*) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u
>
> (*ċ*) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat- Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,
>
> għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u rrimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra[4]:

Illi in oltre, artikolu 77 tal-Kap 452 jispecifika s-setghat tat-Tribunal Industrijali, liema setghat huma l-istess bhal tal-Qorti Civili Prim Awla. Artikolu 77 jistipula s-segwenti: -

> **77.** (1) It-Tribunal ikollu dawk is-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla[5].

Illi minn dan l-artikolu johrog bl-aktar mod car dak li l-legislatur kellu f'mohhu meta ghadda dawn is-setghat lit-Tribunal Industrijali. Hawnhekk ghandu japplika l-massimu Latin, *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*; fejn il-ligi riedet tkellmet, fejn ma ridietx siktet. It-Tribunal Industrijali nghata s-setghat li ghandha l-Qorti Civili, Prim' Awla.

Illi ghalhekk it-Tribunal Industrijali ghandu l-gurisdizzjoni li jisma' u li jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol bejn iz-zewg kontendenti.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-Ambaxxata Franciza u jordna l-prosegwiment ta' din il-Kwistjoni ta' Xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[4] Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta – Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 75 (1).
[5] Ibid, artikolu 77.